MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru 368/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**

**CARMEL VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Vella ta' 48 sena bin il-mejjet Paul u Georgia nee' Mangion imwieled Qormi fit-22 ta' Frar 1961 u joqghod 328 Triq il-Vitorja Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 179561(M).

Billi gie akkuzat talli bejn is-sena 2006 u 2009 u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jwe obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta' l-artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi, b’referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat ukoll li fid-deposizzjoni li taha fis-Seduta tallum ix-xhud Alfred Portelli dan qal: “Qieghed nidher hawnhekk in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u nghid illi minn verifiki li ghamilt in kwantu ghal akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Carmel Vella nghid illi mill-verifiki li ghamilt ma jirrizultax illi d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kien sofra xi danni finanzjarji rigwardanti dan il-kaz.”

Rat l-Artikoli 17, 18, 183, 184, 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmel Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak li xehed fis-Seduta tallum ix-

xhud Alfred Portelli u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Carmel Vella ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Carmel Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghal dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi fil-Verbal tas-Seduta tallum b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------